

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' April 2018 – Et Djili Soy Dzhihangir Ibryam vs EUIPO – Lupu (Djili)****(Kawża T-231/18)**

(2018/C 200/58)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Et Djili Soy Dzhihangir Ibryam (Dulovo, il-Bulgarija) (rappreżentant: C. Romiħan, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Victor Lupu (Bukarest, ir-Rumanija)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Applikant għat-trade mark kontenjuža: ir-rikorrenti

Trade mark kontenjuža kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Djili – Applikazzjoni għal regiestrazzjoni Nru 15 497 662

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-31 ta' Jannar 2018 fil-Każ R 1902/2017-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiċħad l-appell ta' Lupu Victor;
- tikkundanna lill-konvenut u lill-appellant Lupu Victor għall-ispejjeż tal-proċedimenti.

**Motivi invokati**

- Il-Bord tal-Appell wettaq żball meta kkonstata li kien hemm xebħi fonetiku bejn is-sinjal;
- Il-Bord tal-Appell wettaq żball meta kkonstata li l-paragun kunċettwali ma kienx rilevanti f'dan il-każ.

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' April 2018 – Polskie Linie Lotnicze “LOT” vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-240/18)**

(2018/C 200/59)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Partijiet**

Rikorrenti: Polskie Linie Lotnicze “LOT” S.A. (Varsavia, il-Polonja) (rappreżentant: M. Jeżewski, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2017) 8766 finali tat-12 ta' Diċembru 2017 fil-Każ M.8672 (EASYJET/CERTAIN AIR BERLIN ASSETS);
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż;
- tobbliga lill-Kummissjoni twieġeb, fil-kuntest tar-risposta tagħha, ċerti mistoqsijiet tar-rikorrenti rigward l-iżvolġiment tal-investigazzjoni dwar l-effetti tal-konċentrazzjoni inkwistjoni fuq il-kompetizzjoni u li tipprovd iċerti provi li fuqhom id-deċiżjoni tagħha hija bbażata.